REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/302

tal-25 ta' Frar 2015

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 [2], l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea implimentat proċess ta' ġestjoni tat-tibdil għad-dokumenti tekniċi msemmija fl-Anness III ta' dak ir-Regolament. Minħabba f'hekk, fis-6 ta' Diċembru 2013 l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea ressqet rakkomandazzjoni biex jiġi aġġornat l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 454/2011 sabiex ikun jirreferi għad-dokumenti tekniċi kif emendati skont il-proċess ta' ġestjoni tat-tibdil.

(2) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 454/2011 għandu jiġi emendat skont dan.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2008/57/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 454/2011 jinbidel bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

[1] ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.
[2] ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11.

ANNESS

"ANNEX III

Lista tad-dokumenti tekniċi msemmija f'din l-Ispeċifikazzjoni Teknika ta' Interoperabbiltà (TSI)

Referenza	Tikketta
B.1. (V1.2)	Ġenerazzjoni kompjuterizzata u skambju tad-dejta tariffarja maħsuba għall-bejgħ internazzjonali jew barrani — biljetti NRT
B.2. (V1.2)	Ġenerazzjoni kompjuterizzata u skambju tad-dejta tariffarja maħsuba għall-bejgħ internazzjonali jew barrani — Biljetti ta' Prenotazzjoni Integrata (IRT)
B.3. (V1.2)	Ġenerazzjoni kompjuterizzata u skambju tad-dejta tariffarja maħsuba għall-bejgħ internazzjonali jew barrani — Offerti speċjali
B.4. (V1.2)	Gwida ta' implimentazzjoni għall-messaġġi EDIFACT li jkopru skambju tad-dejta skedarja
B.5. (V1.2)	Prenotazzjoni elettronika ta' sits/sodod u produzzjoni elettronika tad-dokumenti tal-ivvjaġġar — Skambju ta' messaġġi
B.6. (V1.2)	Prenotazzjoni elettronika ta' sits/sodod u produzzjoni elettronika tad-dokumenti tat-trasport (standards RCT2)
B.7. (V1.2)	Biljett Ferrovjarju Internazzjonali li jiġi stampat id-dar
B.8. (V1.2)	Kodifikazzjoni numerika standard għal impriżi ferrovjarji, amministraturi tal-infrastruttura u kumpaniji oħra involuti fil-ktajjen tat-trasport ferrovjarju
B.9. (V1.2)	Kodifikazzjoni numerika standard tal-postijiet
B.10 (V1.2)	Prenotazzjoni elettronika ta' assistenza għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa — Skambju ta' messaġġi
B.30. (V1.2)	Skema — katalgu bil-messaġġi/settijiet tad-dejta għall-komunikazzjoni RU/IM tat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Passiġġieri (TAP)
B.50. (V1.0)	Gwida tal-Applikazzjoni tal-Iskedi
B.51. (V1.0)	Gwida tal-Applikazzjoni tat-Tariffi
B.52. (V1.0)	Gwida tal-Applikazzjoni tal-Prenotazzjonijiet
B.53. (V1.0)	Twettiq Dirett tal-Gwida tal-Applikazzjoni
B.54. (V1.0)	Twettiq Indirett tal-Gwida tal-Applikazzjoni
B.55. (V1.0)	Gwida tal-Applikazzjoni għall-Assistenza għall-PMR
B.56. (V1.0)	Gwida tal-Applikazzjoni għall-Komunikazzjoni RU/IM"